MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 57/2002

Rose Scicluna bhala mandatarja ta' l-Imsiefer zewgha Loreto Scicluna u ta' wliedha minuri Carl Manuel u David Scicluna .

Vs

Direttur Registru Pubbliku Ghal Ghawdex .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici nomine wara li ppremettiet :

Illi l-attur Loreto Scicluna, twieled Ghajnsielem, Ghawdex fis-7 ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija tnejn u hamsin (1952) u l-att tat-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv seba' mija u hamsa u sittin tas-sena elf disa' mija tnejn u hamsin (765/1952), dok A ;

Illi fl-istess att tat-twelid isem l-attur gie imnizzel bhala ‘Loretu’ u dan nonostante illi l-genituri tieghu riedu li isem l-attur ikun ‘Loreto’ ;

Illi di piu` fl-istess att tat-twelid kunjom l-attur gie imnizzel bhala ‘Xicluna’ liema kunjom ma kienx jirrifletti l-mod kif missier l-attur kien jikteb kunjomu u cioe` Scicluna’, u dana kif jirrizulta wkoll mill-att tat-twelid ta’ hut l-attur u cioe’ ta’ Joseph Scicluna (Dok B) u ta’ Francis Scicluna (Dok C) li lkoll juru li kunjom missier l-attur kien jinkiteb ‘Scicluna’ ;

Illi l-attur izzewweg lil Rose nee’ Spiteri f’Ghajnsielem, Ghawdex fit-tmintax (18) ta’ Novembru tas-sena elf disa’ mija sebgha u disghin (1979), liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex bin-numru progressiv mitejn u wiehed tas-sena elf disa’ mija sebgha u disghin (201/1979)(Dok D) ;
Illi fl-istess att taz-zwieg kunjom l-attur gie imnizzel skorrettament bhala ‘Xicluna’ u mhux “Scicluna’ ;

Illi iben l-attur David twieled fl-ghoxrin (20) ta’ Gunju tas-sena elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) u l-att tat-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex bin-numru progressiv mitejn u disgha tas-sena elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) (209/1998)(Dok E) ;

Illi fl-istess att tat-twelid kunjom l-attur gie mnizzel bhala ‘Xicluna’ u konsegwentament ibnu David ha l-kunjom ‘Xicluna’, if skorrettament miktub ;

Illi iben l-attur l-iehor Carl Manuel twieled fl-ghoxrin (20) ta’ Marzu tas-sena elf disa’ mija erbgha u disghin (1994) u l-att tat-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex bin-numru progressiv mija u tnejn u erbghin tas-sena elf disa’ mija erbgha u disghin (142/1994) (Dok F) ;

Illi fl-istess att tat-twelid kunjom l-attur gie mnizzel bhala ‘Xicluna’ u konsegwentament ibnu Carl Manuel ha l-kunjom ‘Xicluna’, kif skorrettament miktub ;

Illi l-attur minn dejjem kien juza l-isem u l-kunjom ‘Loreto Scicluna’ u dana kif jirrizulta minn diversi dokumenti fosthom ‘Certificate of Naturalisation’ mahrug mill-Istati Uniti ta’ l-Amerika (dok G), Certifikat tat-Twelid ta’ ibnu Christopher Paul li twieled fl-Istati Uniti ta’ l-Amerika (Dok H) u Consular Reports of Births Abroad taz-zewg uliedu Carl Manuel u David Laurence (Dok I u J) ;

Illi l-attur jixtieq illi ssir tali korrezzjoni kemm fl-att tat-twelid tieghu u fl-att taz-zwieg tieghu kif ukoll fl-atti tat-twelid ta’ wliedu Carl Manuel u David sabiex jigu evitati hafna kumplikazzjonijiet legali li jinqalghu meta dawn l-atti jigu pprezentati fl-esteru minhabba l-iskorrettezzi fil-mod ta’ kif inhuma miktuba l-isem “Loretu” minflok “Loreto” u “Xicluna” minflok “Scicluna” .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ;

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv seba mija u hamsa u sittin tas-sena elf disa’ mija tnejn u hamsin (765/1952) billi fil-kolonna “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” kif ukoll fil-kolonna “Ismijiet moghtija” l-isem ‘Loretu’ jigi sostitwit bl-isem ‘Loreto’ filwaqt li fil-kolonna “Isem u Kunjom ta’ missier it-tarbija” il-kunjom “Xicluna” jigi sostitwit bil-kunjom “Scicluna” ;

2. Tordna korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv mitejn u wiehed tas-sena elf disa’ mija sebgha u disghin (201/1979) billi fil-kolonna “Isem u kunjom ir-ragel” il-kunjom “Xicluna” jigi sostitwit bil-kunjom “Scicluna” ;

3. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv mitejn u disgha tas-sena elf disa’ mija tmienja u disghin (201/1998) billi fil-kolonna "Isem u Kunjom ta’ missier it-tarbija” il-kunjom “Xicluna” jigi sostitwit bil-kunjom “Scicluna” ;

4. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv mija u tnejn u erbghin tas-sena elf disa’

mija erbgha u disghin (142/1994) billi fil-kolonna “Isem u Kunjom ta’ missier it-tarbija” il-kunjom “Xicluna” jigi sostitwit bil-kunjom “Scicluna” .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa int ingunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess attrici nomine debitament ikkonfermata bil-gurament taghha .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma’ din ic-citazzjoni, u cioe’ dokument ‘A’ li huwa certifikat tat-twelid ta’ l-attur bin-numru 765/ 1952; bhala dokument ‘B’ certifikat tat-twelid li hu ta’ hu l-attur bin-numru 381/1951; bhala dokument ‘C’ certifikat tat-twelid ta’ hu l-attur bin-numru 476/1959; bhala dokument ‘D’ certifikat taz-zwieg ta’ l-attur bin-numru 201/1979; bhala dokument ‘E’ certifikat tat-twelid ta’ iben l-attur bin-numru 209/1998; bhala dokument ‘F’ certifikat tat-twelid ta’ iben l-attur bin-numru 142/1994; bhala dokument ‘G’ kopja ta’ ‘Certificate of naturalisation’ mahrug mill-Istati Uniti ta’ l-Amerika f’isem l-attur ; bhala dokument ‘H’ certifikat tat-twelid ta’ ibnu Christopher Paul li twieled fl-istati Uniti ta’ L-Amerika; u bhala dokumenti ‘I’ u ‘J’ Consular Reports of Births Abroad taz-zewg uliedu Carl Manuel u David Lawrence ta’ l-attur .

Rat ir-riferta pozittiva tad-direttur Registru Pubbliku ghal Ghawdex, b’din ic-citazzjoni, liema riferta ggib id-data tal-25 ta’ Lulju, tas-sena elfejn u tnejn (2002) . Innutat li l-istess konvenut baqa’ kontumaci .

Semghet lill-attrici tixhed bil-gurament taghha u tikkonferma l-konvenut tac-citazzjoni .

Rat ukoll l-atti kollha esebiti mac-citazzjoni .

Peress illi t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati, tiddecidi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici, u ghalhekk ;

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv seba mija u hamsa u sittin tas-sena elf disa’ mija tnejn u hamsin (765/1952) billi fil-kolonna “Isem

jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" kif ukoll fil-kolonna "Ismijiet moghtija" l-isem 'Loretu' jigi sostitwit bl-isem 'Loreto' filwaqt li fil-kolonna "Isem u Kunjom ta' missier it-tarbija" il-kunjom "Xicluna" jigi sostitwit bil-kunjom "Scicluna" ;

2. Tordna korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv mitejn u wiehed tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (201/1979) billi fil-kolonna "Isem u kunjom ir-ragel" il-kunjom "Xicluna" jigi sostitwit bil-kunjom "Scicluna" ;

3. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv mitejn u disgha tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (201/1998) billi fil-kolonna "Isem u Kunjom ta' missier it-tarbija" il-kunjom "Xicluna" jigi sostitwit bil-kunjom "Scicluna" ;

4. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv mija u tnejn u erbghin tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (142/1994) billi fil-kolonna "Isem u Kunjom ta' missier it-tarbija" il-kunjom "Xicluna" jigi sostitwit bil-kunjom "Scicluna" .

In vista tan-natura ta' din il-kawza m'ghandux ikun hemm spejjez .

Tordna wkoll notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex sabiex jaghmel id-debiti korrezzjonijiet fic-certifikati indikati .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------